ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 132

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

11 ta' Ġunju 2009

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-Bank Ċentrali Ewropew

2009/C 132/01 Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Ġunju 2009 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije (BĊE/2009/12) 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2009/C 132/02 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 2009 li taħtar membru Olandiż fil-Kumitat tar-Reġjuni 2

2009/C 132/03 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 2009 li taħtar membru supplenti tar-Renju Unit fil-Kumitat tar-Reġjuni 3

2009/C 132/04 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 Ġunju 2009 li taħtar membru tar-Renju Unit fil-Kumitat tar-Reġjuni 4

MT

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna

Il-Kummissjoni

2009/C 132/05 Rata tal-kambju tal-euro 5

2009/C 132/06 Komunikazzjoni mill-kummissjoni li tagħti gwida dwar għajnuna mill-Istat għal kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti ([1]) 6

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni

2009/C 132/07 Sejħa għal proposti għal azzjonijiet indiretti fi ħdan il-Programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni (*Internet aktar Sikur*) ([1]) 10

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni

2009/C 132/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni – (Każ COMP/M.5476 – PFIZER/WYETH) ([1]) 15

2009/C 132/09 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni – (Każ COMP/M.5553 – Perdigão/Sadia) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ([1]) 16

2009/C 132/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni – (Każ COMP/M.5548 – Barclays/RBS/Hillary) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ([1]) 17

2009/C 132/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni – (Każ COMP/M.5505 – Celesio/pharmexx) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ([1]) 18

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-5 ta' Ġunju 2009

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije

(BĊE/2009/12)

(2009/C 132/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Ewrosistema huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni preżenti tal-Banka Slovenije ser jispiċċa wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2008. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2009.

(3) Il-Banka Slovenije għażel lil Deloitte revizija d.o.o. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2009 sa 2011,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li Deloitte revizija d.o.o. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2009 sa 2011.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 5 ta' Ġunju 2009.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Ġunju 2009

li taħtar membru Olandiż fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2009/C 132/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Olandiż,

Billi:

(1) Fit-24 ta' Jannar 2006 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 [1].

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Ivo OPSTELTEN sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal- 25 ta' Jannar 2010:

Is-Sur Ahmed ABOUTALEB, Burgemeester van Rotterdam (sindku ta' Rotterdam)

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Lussemburgu, 4 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

Martin PECINA

[1] ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Ġunju 2009

li taħtar membru supplenti tar-Renju Unit fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2009/C 132/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern tar-Renju Unit,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 [1].

(2) Konsegwentement, għall-ħatra tas-Sur Robert BRIGHT bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

Is-Sur Chris HOLLEY, Councillor for City and Council of Swansea, Wales.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
Martin PECINA

[1] ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-4 Ġunju 2009

li taħtar membru tar-Renju Unit fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2009/C 132/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern tar-Renju Unit,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni wara t-tmiem tal-mandat tas-Sur Andrew CAMPBELL bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal- 25 ta' Jannar 2010:

Is-Sinjura Sue RAMSEY, Membru tal-Assemblea Leġislattiva, Irlanda ta' Fuq.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Luxembourg, 4 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

Martin PECINA

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

IL-KUMMISSJONI

Rata tal-kambju tal-euro [1]

L-10 ta' Ġunju 2009

(2009/C 132/05)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,4102	AUD	Dollaru Awstraljan	1,7387
JPY	Yen Ġappuniż	138,03	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5500
DKK	Krona Daniża	7,4462	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,9307
GBP	Lira Sterlina	0,85830	NZD	Dollaru tan-New Zealand	2,2257
SEK	Krona Żvediża	10,7296	SGD	Dollaru tas-Singapor	2,0431
CHF	Frank Żvizzeru	1,5158	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 771,60
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	11,3326
NOK	Krona Norveġiża	8,8430	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	9,6365
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,2639
CZK	Krona Ċeka	26,748	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 109,80
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malażjan	4,9294
HUF	Forint Ungeriż	278,17	PHP	Peso Filippin	66,846
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	43,6320
LVL	Lats Latvjan	0,6995	THB	Baht Tajlandiż	48,010
PLN	Zloty Pollakk	4,4645	BRL	Real Brażiljan	2,7136
RON	Leu Rumen	4,1970	MXN	Peso Messikan	19,1153
TRY	Lira Turka	2,1698	INR	Rupi Indjan	66,7450

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Komunikazzjoni mill-kummissjoni li tagħti gwida dwar għajnuna mill-Istat għal kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 132/06)

1. AMBITU

Din il-Komunikazzjoni tittratta dwar l-eliġibbiltà tal-maniġers tal-ekwipaġġ u dawk tekniċi ta' bastimenti fir-rigward tat-tnaqqis tat-taxxa tal-kumpaniji jew inkella l-applikazzjoni tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ skont it-Taqsima 3.1 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2004) 43 – Linji Gwida Komunitarji dwar għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu ("il-Linji Gwida") [traduzzjoni mhux uffiċjali] [1]. Ma tittrattax dwar għajnuna mill-Istat għal maniġers kummerċjali ta' bastimenti. Din il-Komunikazzjoni tapplika għall-ġestjoni tal-ekwipaġġ u għall-ġestjoni teknika irrispettivament minn jekk jingħatawx individwalment jew flimkien lill-istess bastiment.

2. INTRODUZZJONI

2.1. Il-kuntest ġenerali

Il-Linji Gwida jipprovdu għall-possibbiltà li l-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti jikkwalifikaw għat-taxxa fuq it-tunnellaġġ jew arranġamenti fiskali oħra għal kumpaniji tat-tbaħħir (Taqsima 3.1). Madanakollu, l-eliġibbiltà hija ristretta għall-forniment konġunt kemm ta' ġestjoni teknika kif ukoll ta' ġestjoni tal-ekwipaġġ għall-istess bastiment ("ġestjoni sħiħa"), filwaqt li dawn l-attivitajiet mhumiex eliġibbli għat-taxxa fuq it-tunnellaġġ jew għal arranġamenti fiskali oħra meta jingħataw fuq livell individwali.

Il-Linji Gwida jistipulaw li l-Kummissjoni se teżamina l-effetti tal-Linji Gwida fuq il-ġestjoni tal-bastimenti wara tliet snin [2]. Din il-Komunikazzjoni tippreżenta r-riżultati ta' din il-valutazzjoni l-ġdida kif ukoll konklużjonijiet dwar l-eliġibbiltà tal-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti għall-għajnuna mill-Istat.

2.2. Il-ġestjoni tal-bastimenti

Il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti huma entitajiet li jipprovdu servizzi differenti lis-sidien tal-bastimenti, bħalma huma r-reklutaġġ u t-taħriġ tal-ekwipaġġ, il-ġestjoni tal-ekwipaġġ u l-operat tal-vapur. Hemm tliet kategoriji prinċipali ta' servizzi tal-ġestjoni tal-bastimenti: il-ġestjoni tal-ekwipaġġ, il-ġestjoni teknika u l-ġestjoni kummerċjali.

Il-ġestjoni tal-ekwipaġġ tikkonsisti, b'mod partikolari, fit-trattament tal-kwistjonijiet kollha marbuta mal-ekwipaġġ, bħall-għażla u r-reklutaġġ ta' baħħara kkwalifikati kif xieraq, il-ħruġ tas-salarji, l-iżgurar tal-adegwatezza tal-għadd ta' ħaddiema fuq il-bastimenti, il-kontroll taċ-ċertifikati tal-baħħara, il-provvediment għal poloz tal-assigurazzjoni li jkopru l-baħħara kontra l-inċidenti u d-diżabilità, provvediment għall-arranġamenti għall-ivvjaġġar u għall-viżi, it-trattament ta' talbiet mediċi, il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-baħħara u f'ċerti każijiet, it-taħriġ tagħhom. Il-ġestjoni tal-ekwipaġġ tirrappreżenta bil-qabda l-akbar parti tal-industrija tal-ġestjoni tal-bastimenti madwar id-dinja kollha.

Il-ġestjoni teknika tikkonsisti fl-iżgurar li l-bastiment ikun tajjeb għall-baħar u l-konformità sħiħa mar-rekwiżiti tekniċi kif ukoll ta' sikurezza u sigurtà. B'mod partikolari, il-maniġer tekniku huwa responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' bastiment. Il-ġestjoni teknika tirrappreżenta parti sinifikanti mill-industrija tal-ġestjoni tal-bastimenti għalkemm parti ħafna iżgħar mill-ġestjoni tal-ekwipaġġ.

Il-ġestjoni kummerċjali tikkonsisti fil-promozzjoni u l-iżgurar fil-bejgħ tal-kapaċità tal-bastimenti, permezz tan-noleġġ tal-bastimenti, teħid ta' riżervazzjonijiet għat-tagħbija jew passiġġieri, l-iffaċilitar tal-kummerċjalizzazzjoni u l-ħatra ta' aġenti. Il-ġestjoni kummerċjali tirrappreżenta parti żgħira ħafna mill-industrija tal-ġestjoni tal-bastimenti. Sal-lum il-Kummissjoni ma għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni kollha dwar il-ġestjoni kummerċjali. Il-ġestjoni kummerċjali għalhekk mhix qed tiġi indirizzata f'din il-Komunikazzjoni.

Bħal kwalunkwe attività marittima, il-ġestjoni tal-bastimenti hija min-natura tagħha stess negozju dinji. Fin-nuqqas ta' liġi internazzjonali li tirregola l-ġestjoni tal-bastimenti minn partijiet terzi, l-istandards f'dan il-qasam ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' ftehimiet tal-liġi privata [3].

---

[1] ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3.

[2] Ara n-Nota nru 3 f'qiegħ il-paġna 7 tal-ĠU C 13, 17.1.2004.

[3] Eżempju partikolari huwa l-"BIMCO's Standard Ship Management Agreement SHIPMAN 98" li ta' sikwit jintuża fir-relazzjonijiet bejn il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti u s-sidien tal-bastimenti.

Fil-Komunità, il-ġestjoni tal-bastimenti fil-biċċa l-kbira tagħha ssir f'Ċipru. Madanakollu, jeżistu kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti fir-Renju Unit, il-Ġermanja, id-Danimarka, il-Belġju u l-Olanda. Barra l-Komunità, il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti huma stabbiliti l-aktar f'Hong Kong, Singapore, l-Indja, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Istati Uniti tal-Amerika.

2.3. **Ħarsa lejn il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti**

Mill-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida f'Jannar 2004, daħlu għadd ta' pajjiżi marittimi fil-Komunità, fosthom Ċipru, li għandha l-akbar industrija tal-ġestjoni tal-bastimenti fid-dinja.

L-adeżjoni ta' Ċipru u l-ħidma preliminari tiegħu biex jikkonforma mal-Linji Gwida, kif ukoll studju li sar minn konsorzju għall-amministrazzjoni ta' dan l-Istat Membru ([1]), ikkontribwixxew għal għarfien aktar sħiħ dwar din l-attività u l-evoluzzjoni tagħha. Żdied aktar għarfien b'mod partikolari fir-rigward tar-rabta bejn il-ġestjoni teknika u tal-ekwipaġġ fuq naħa, u fuq in-naħa l-oħra t-tbaħħir, kif ukoll dwar il-possibbiltà li l-maniġers tekniċi u/jew tal-ekwipaġġ jistgħu jgħinu fil-ksib tal-għanijiet tal-Linji Gwida.

3. VALUTAZZJONI TAL-ELIĠIBBILTÀ TAL-KUMPANIJI TAL-ĠESTJONI TAL-BASTIMENTI

B'differenza mis-servizzi relatati mal-baħar, il-ġestjoni tal-bastimenti hija attività ta' qofol standard għat-trasportaturi marittimi, li normalment tingħata minnhom stess. Il-ġestjoni tal-bastimenti hija waħda fost l-attivitajiet l-aktar karatteristiċi tal-operaturi tal-bastimenti. Illum, madankollu, f'ċerti każijiet din tinħareġ b'kuntratt lil kumpaniji ta' partijiet terzi għall-ġestjoni tal-bastimenti. Huwa minħabba r-rabta bejn il-ġestjoni tal-bastimenti u t-tbaħħir li l-kumpaniji ta' partijiet terzi għall-ġestjoni tal-bastimenti jkunu operaturi professjonali bl-istess bażi ta' esperjenza bħas-sidien tal-bastimenti, għalkemm imqassma skont l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom, u li joperaw fl-istess ambjent kummerċjali. Is-sidien tal-bastimenti huma l-uniċi klijenti tal-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti.

Fuq dan l-isfond il-Kummissjoni tqis li l-għoti tal-ġestjoni tal-bastimenti f'idejn partijiet terzi ma għandux jiġi ppenalizzat fiskalment fir-rigward tal-ġestjoni tal-bastimenti fi ħdan il-kumpanija stess, sakemm il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti ma jilħqux l-istess rekwiżiti li huma applikabbli għas-sidien tal-bastimenti u sakemm il-forniment tal-għajnuna lil dawk ta' qabel ma jikkontribwixxix għall-ksib tal-għanijiet tal-Linji Gwida bl-istess mod bħall-forniment tal-għajnuna lis-sidien tal-bastimenti.

B'mod partikolari l-Kummissjoni tqis li, proprju minħabba l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom u minħabba n-natura tal-kummerċ prinċipali tagħhom, il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-ksib tal-għanijiet tal-Linji Gwida, b'mod partikolari l-ksib ta' "trasport marittimu effiċjenti, sikur u li jiffavorixxi l-ambjent" u l-"konsolidazzjoni tar-raggruppament marittimu stabbilit mill-Istati Membri" ([2]).

4. ESTENSJONI TAL-ELIĠIBBILTÀ GĦALL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT LILL-KUMPANIJI TAL-ĠESTJONI TAL-BASTIMENTI

Abbażi ta' dak li ġie spjegat fit-Taqsima 3 hawn fuq, il-Kummissjoni se tawtorizza skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, rifużjoni fiskali għall-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti, kif imsemmi fit-Taqsima 3.1 tal-Linji Gwida, fir-rigward tal-ġestjoni teknika jew tal-ekwipaġġ konġunta jew separata, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet 5 u 6 ta' din il-Komunikazzjoni jiġu sodisfatti.

5. KUNDIZZJONIJIET TA' ELIĠIBBILTÀ APPLIKABBLI KEMM GĦALL-MANIĠERS TEKNIĊI KIF UKOLL GĦALL-MANIĠERS TAL-EKWIPAĠĠ

Sabiex jikkwalifikaw għall-għajnuna l-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti għandhom juru rabta ċara mal-Komunità u l-ekonomija tagħha, f'konformità mat-Taqsima 3.1 tal-Linji Gwida. Barra minn hekk, għandhom jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Linji Gwida, kif huma stabbiliti fit-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida. Il-maniġers tekniċi u tal-ekwipaġġ huma eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat, sakemm il-bastimenti ġestiti minnhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha ppreżentati fit-Taqsimiet 5.1 sa 5.4 ta' din il-Komunikazzjoni. Attivitajiet eliġibbli għandhom iseħħu kompletament fit-territorju tal-Komunità.

([1]) *Study on Ship Management in Cyprus and in the European Union* tal-31 ta' Mejju 2008, li twettaq mill-gvern Ċiprijott b'konsorzju taħt id-direzzjoni tal-Vienna University of Economics and Business Administration.

([2]) Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida.

5.1. **Kontribut għall-ekonomija u impjiegi fi ħdan il-Komunità**

Ir-rabta ekonomika mal-Komunità ġiet ippruvata minħabba l-fatt li l-ġestjoni tal-bastimenti ssir fit-territorju ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri u li persuni l-aktar tan-nazzjonalità tal-Komunità huma impjegati f'attivitajiet ibbażati fuq l-art jew fuq il-bastimenti.

5.2. **Rabta ekonomika bejn il-bastimenti ġestiti u l-Komunità**

Il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna mill-Istat fir-rigward ta' bastimenti li jiġu ġestiti kompletament mit-territorju tal-Komunità, irrispettivament minn jekk il-ġestjoni tiġix ipprovduta mill-kumpanija stess jew inkella tinħariġx parzjalment jew kompletament lil kumpanija jew kumpaniji oħrajn tal-ġestjoni tal-bastimenti.

Madanakollu, peress li l-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti ma jkollhomx kontroll sħiħ fuq il-klijenti tagħhom, ir-rekwiżit imsemmi jitqies li jiġi sodisfatt biss jekk talanqas żewġ terzi tat-tunnellaġġ tal-bastimenti ġestiti jiġi mmexxi mit-territorju tal-Komunità. It-tunnellaġġ li jaqbeż dak il-perċentwal li ma jkunx ġestit kompletament mill-Komunità jitqies bħala mhux eliġibbli ([1]).

5.3. **Konformità mal-istandards internazzjonali u tal-Komunità**

Il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti huma eliġibbli jekk il-bastimenti u l-ekwipaġġi ġestiti minnhom jikkonformaw mal-istandards internazzjonali u jekk ikunu sodisfatti r-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja, b'mod partikolari dawk relatati mas-sigurtà, is-sikurezza, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara, il-prestazzjoni ambjentali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord.

5.4. **Ir-rekwiżit dwar is-sehem ta' reġistrazzjoni tal-Istati (rabta tal-bandiera)**

Ir-rekwiżit dwar is-sehem ta' reġistrazzjoni tal-Istati, kif stipulat fit-tmien paragrafu tat-Taqsima 3.1 tal-Linji Gwida japplika għall-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti. Is-sehem tal-bandieri Komunitarji li għandu jitqies bħala l-punt ta' referenza huwa dak tad-data li fiha din il-Komunikazzjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għal kumpaniji ġodda l-punt ta' referenza għandu jiġi kkalkulat sena wara d-data li fiha bdew l-attività tagħhom.

6. **REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-MANIĠERS TAL-EKWIPAĠĠ**

6.1. **Taħriġ tal-baħħara**

Maniġers tal-ekwipaġġ huma eliġibbli għal għajnuna mill-Istat sakemm il-baħħara kollha li jaħdmu abbord il-bastimenti ġestiti jiġu edukati, imħarrġa u jkollhom ċertifikat ta' kompetenza skont il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar l-Istandards tat-Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Sorveljanza għall-Baħħara, 1978 kif emendata (STCW), u lestew b'suċċess it-taħriġ għas-sikurezza personali abbord il-bastimenti. Barra minn hekk, il-maniġers tal-ekwipaġġ ikunu eliġibbli jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-STCW u tal-liġi Komunitarja dwar responsabbiltajiet tal-kumpaniji.

6.2. **Kondizzjonijiet soċjali**

Sabiex ikunu eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat, il-maniġers tal-ekwipaġġ għandhom jiżguraw li min iħaddem il-baħħar jimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("MLC") ([2]) fuq il-bastimenti kollha ġestiti, kemm jekk dan ikun is-sid tal-bastiment u kemm jekk ikunu l-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti. Il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li d-dispożizzjonijiet tal-MLC li jikkonċernaw il-ftehim dwar l-impjieg tal-baħħara ([3]), it-telf tal-bastiment jew l-għarqa ([4]), kura medika ([5]), ir-responsabbiltà tas-sid tal-bastiment inkluż il-ħlas ta' salarji f'każ ta' inċident jew mard ([6]), u ripatrijazzjoni ([7]) jiġu applikati b'mod xieraq.

([1]) Għalkemm il-fatt ta' nuqqas ta' konformità mar-regola taż-żewġ terzi (2/3) fih innifsu ma jaffettwax l-eliġibbiltà tal-kumpanija tal-ġestjoni tal-bastimenti.

([2]) Ta' min wieħed ifakkar li s-sħab soċjali Ewropej adottaw ftehim li jadotta l-parti relevanti tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 li ddaħħlet fil-liġi Komunitarja b'Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE tas-16 ta' Frar 2009 li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet Ewropej tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE (ĠU L 124, 20.5.2009, p. 30).

([3]) Ir-Regolament 2.1 u l-Istandard A2.1 (Ftehim dwar l-Impjieg tal-baħħara) tat-Titlu 2 tal-MLC.

([4]) Ibid., Ir-Regolament 2.6 u l-Istandard A2.6 (Kumpens għall-baħħar għat-telf tal-bastiment jew għarqa) tat-Titolu 2.

([5]) Ibid. Ir-Regolament 4.1 u l-Istandard A4.1 (Kura medika abbord bastiment u fuq l-art u r-Responsabbiltà tas-sidien tal-bastimenti fuq l-art); Ir-Regolamenti 4.3 u A4.3 (Ħarsien tas-saħħa u tas-sikurezza u prevenzjoni ta' inċidenti); Ir-Regolament 4.4 (Aċċess għal faċilitajiet ta' kura soċjali bbażati fuq l-art) tat-Titlu 4.

([6]) Ibid. Ir-Regolament 4.2 u l-Istandard A4.2 (Responsabbiltà tas-sidien tal-bastimenti) tat-Titlu 4.

([7]) Ibid. Ir-Regolament 2.5 u l-Istandard A2.5 (Ripatrijazzjoni) tat-Titlu 2.

Il-maniġers tal-ekwipaġġ għandhom jiżguraw ukoll li l-istandards internazzjonali dwar sigħat tax-xogħol u ta' serħan ipprovduti fl-MLC jiġu rispettati bis-sħiħ.

Fl-aħħar nett, sabiex ikunu eliġibbli, il-maniġers tal-ekwipaġġ għandhom ukoll jipprovdu sigurtà finanzjarja biex jiżguraw kumpens fil-każ tal-mewt jew id-diżabbiltà fit-tul tal-baħħara minħabba korriment fuq ix-xogħol, mard jew periklu.

7. IL-KALKOLU TAT-TAXXA

Fil-każ ukoll tal-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti l-Kummissjoni se tapplika l-prinċipju li hemm fil-Linji Gwida, skont liema, biex tiġi evitata distorsjoni, se tapprova biss skemi li jwasslu għall-istess piż tat-taxxa madwar l-Istati Membri għall-istess attività jew għall-istess tunnellaġġ. Dan ifisser li eżenzjoni totali jew skemi ekwivalenti mhux se jkunu awtorizzati ([1]).

Il-bażi tat-taxxa li għandha tintuża għall-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti ovvjament ma tistax tkun l-istess bħal dik applikata għas-sidien tal-bastimenti, għaliex fir-rigward ta' bastiment partikolari, id-dħul tal-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti huwa ħafna aktar baxx minn dak tas-sid tal-bastiment. Skont l-istudju imsemmi fit-Taqsima 2.3, kif ukoll skont in-notifiki li daħlu fl-imgħoddi, il-bażi tat-taxxa li għandha tiġi applikata fuq il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-batimenti għandha tkun bejn wieħed u ieħor 25 % (f'termini ta' tunnellaġġ jew profitt teoretiku) tal-ammont li jkun japplika għas-sid tal-bastiment għall-istess bastiment jew tunnellaġġ. Għaldaqstant il-Kummissjoni, tirrikjedi li taħt l-iskemi tat-taxxa tat-tunnellaġġ għall-ġestjoni tal-bastimenti jiġi applikat perċentwal ta' mhux anqas minn 25 % ([2]).

Fil-każ li l-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti jidħlu f'attivitajiet li ma jkunux eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat skont din il-Komunikazzjoni, għandhom iżommi kontijiet separati għal dawn l-attivitajiet.

Fil-każ li kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti joħorġu b'subkuntratt parti mill-attività tagħhom lil partijiet terzi, dawn tal-aħħar ma jkunux eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat.

8. APPLIKAZZJONI U REVIŻJONI

Il-Kummissjoni se tapplika l-gwida pprovduta f'din il-komunikazzjoni mill-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-għajnuna mill-Istat lil kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti se tkun inkluża fir-reviżjoni ġenerali tal-Linji Gwida kif previst fit-Taqsima 13 ta' dawn tal-aħħar.

([1]) Il-Kummissjoni tieħu din l-opportunità f'din il-Komunikazzjoni biex tenfasizza li l-mekkaniżmu li ntuża għall-kalkolu tat-taxxa li għandha tithallas kemm mill-kumpaniji tal-ġestjoni tal-bastimenti kif ukoll mis-sidien tal-bastimenti ma għandu l-ebda relevanza fih innifsu; b'mod partikolari, hija irrelevanti jekk tiġix applikata sistema bbażata fuq profitt teoretikuNone

([2]) Is-sid tal-bastiment, jekk eliġibbli, jibqa' responsabbli għat-taxxa tat-tunnellaġġ kollha kemm hi.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI

Sejħa għal proposti għal azzjonijiet indiretti fi ħdan il-Programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni (*Internet aktar Sikur*)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 132/07)

1. Skont id-Deċiżjoni Nru 1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni [1] (Internet aktar Sikur), il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tistieden li jitressqu proposti għal azzjonijiet li jiġu ffinanzjati fi ħdan il-programm.

   Internet aktar Sikur huwa bbażat fuq erba' azzjonijiet:

   (a) l-iżgurar ta' kuxjenza pubblika;

   (b) il-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-Internet;

   (c) il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-Internet;

   (d) il-ħolqien ta' bażi tal-għarfien.

   Il-programm huwa suċċessur tal-programm Safer Internet plus (2005-2008).

2. F'konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea fasslet Programm ta' Ħidma [2] biex iservi ta' bażi għall-implimentazzjoni tal-programm fl-2009. Il-Programm ta' Ħidma għandu tagħrif ulterjuri dwar l-għanijiet, il-prijoritajiet, il-baġit indikattiv u dwar it-tipi ta' azzjonijiet imsemmija f'din in-notifika u r-regoli ta' eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni.

3. Il-Gwida għall-Proponenti tagħti tagħrif dettaljat dwar kif għandhom jitħejjew u jitressqu l-proposti u dwar il-proċess ta' evalwazzjoni [3].

   Din id-dokumentazzjoni hija disponibbli, flimkien mal-Programm ta' Ħidma u kwalunkwe tagħrif ieħor relatat ma' din is-sejħa, minn dan l-indirizz tal-Kummissjoni Ewropea:

   European Commission
   Information Society and Media Directorate General
   Internet aktar Sikur (Safer Internet)
   EUFO 1195
   Rue Alcide de Gasperi
   2920 Luxembourg
   LUXEMBOURG
   E-mail: saferinternet@ec.europa.eu
   Fax +352 4301-34079
   Web: http://ec.europa.eu/saferinternet

[1] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 118.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 4023, 28.5.2009, http://ec.europa.eu/saferinternet
[3] http://ec.europa.eu/saferinternet

4. Jistgħu jsiru proposti għall-partijiet tas-sejħa identifikati hawn taħt. L-applikanti li jixtiequ jagħmlu proposti għal aktar minn parti ta' sejħa waħda għandhom jagħmlu proposti separati għal kull parti.

5. Il-baġit totali indikattiv disponibbli għal din is-sejħa fi ħdan il-baġit għas-sena 2009 huwa ta' EUR 9.333 miljun mill-kontribut Komunitarju. Sabiex jiġi żgurat l-għan ta' kopertura sħiħa tan-netwerk Ewropew integrat taċ-ċentri għal Internet aktar Sikur, il-baġit tas-sejħa tal-2009 għal proposti jista' jissaħħaħ permezz ta' approprjazzjonijiet mill-baġit tal-2010, bla ħsara għall-adozzjoni tal-baġit tal-2010 mill-Awtorità Baġitarja u għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet. Jekk jiġi deċiż tiswih tali, dan għandu jitwettaq qabel id-data ta' skadenza ta' din is-sejħa.

L-għotjiet għall-proposti mressqa b'risposta għal din is-sejħa ser jingħataw permezz ta' ftehimiet ta' għotja.

L-evalwazzjoni tal-proposti għandha twassal għal lista tal-proposti li jkunu se jiġu ffinanzjati. Din il-lista tista' tiġi kkumplimentata minn lista ta' riżerva ta' proposti ta' kwalità suffiċjenti, li jiġi ffinanzjati f'każ li jkun hemm baġit disponibbli.

6. Is-sejħa għal proposti fi ħdan dan il-Programm ta' Ħidma hija miftuħa għall-entitajiet legali kollha stabbiliti fl-Istati Membri. Hija miftuħa wkoll għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Istati tal-EFTA li huma partijiet kontraenti fil-Ftehim taż-ŻEE (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein).

Is-sejħa hija wkoll miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi oħra skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Programm [1], dejjem jekk jiġi ffirmat ftehim bilaterali. Jekk il-proposti mressqa mill-entitajiet legali minn dawn il-pajjiżi jintgħażlu biex jiġu ffinanzjati, il-ftehim ta' għotja jkun iffirmat biss ladarba jkunu ttieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pajjiż ikkonċernat jissieħeb fil-Programm permezz tal-iffirmar ta' ftehim bilaterali. Tagħrif aġġornat dwar liema pajjiżi huma msieħba fil-Programm huwa disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Programm http://ec.europa.eu/saferinternet

L-entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi li mhumiex parti mill-UE apparti dawk imsemmija hawn fuq u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jieħdu sehem fil-proġetti kollha bi spejjeż tagħhom.

L-entitajiet legali stabbiliti fir-Russja jistgħu jipparteċipaw fl-Azzjoni 1.1 (Ċentri għal Internet aktar Sikur) ta' din is-sejħa għall-proposti skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-Programm ta' Ħidma.

Part 1: Partijiet tas-sejħa

Azzjoni 1 u azzjoni 2: L-IŻGURAR TAL-KUXJENZA PUBBLIKA U L-ĠLIEDA KONTRA L-KONTENUT ILLEGALI U L-IMĠIBA DANNUŻA FUQ L-INTERNET

7. Identifikatur: 1.1 NETWERK INTEGRAT: ĊENTRI GĦAL INTERNET AKTAR SIKUR

Il-Programm iħeġġeġ it-twaqqif ta' **Ċentri għal Internet aktar Sikur madwar l-Ewropa kollha** biex jiġu kkoordinati attivitajiet u jitlaqqgħu flimkien varjetà ta' partijiet interessati biex tiġi żgurata l-azzjoni u jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-għarfien.

Iċ-ċentri kollha għal Internet aktar Sikur se jwettqu attivitajiet għat-trawwim tal-kuxjenza pubblika fost ġenituri, dawk li jieħdu ħsieb it-tfal, għalliema u tfal f'kooperazzjoni fil-qrib mal-atturi rilevanti kollha f'livelli reġjonali u lokali, li jindirizzaw kwistjonijiet relatati ma' kontenut li huwa meqjus bħala mhux xieraq għat-tfal. Eżempju, ir-razziżmu u l-ksenofobija, *bullying* u abbużi, l-użu ta' servizzi *peer-to-peer*, vidjo fuq firxa wiesgħa, messaġġi istantaneji, *chat-rooms*, siti web ta' netwerking soċjali u l-aċċess għal kontenut u tagħrif u komunikazzjoni interattivi miksuba permezz tal-assorbiment rapidu tal-Internet, il-mowbajls u l-konsowls tal-logħob mit-tfal. L-azzjonijiet iqisu kwistjonijiet relatati mal-ħarsien tal-konsumatur, il-protezzjoni tad-dejta, it-tagħrif, il-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà ta' netwerk (viruses/spam).

[1] Id-Deċiżjoni Nru 1351/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008, ippubblikata fil-ĠU L 348, 24.12.2008, p. 118.

Barra minn hekk, iċ-Ċentri għal Internet aktar Sikur għandhom jinkludu wkoll a) *hotlines* fejn il-pubbliku jista' jirrapporta kontenut illegali u b) *helplines* li permezz tagħhom ġenituri u tfal jista' jieħdu parir dwar kif titratta kuntatt dannuż (grooming), imġiba dannuża (cyberbullying), kontenut dannuż u esperjenzi skomdi jew li jqanqlu biża' relatati mal-użu tagħhom ta' teknoloġiji fuq l-Internet.

Ix-xogħlijiet taċ-Ċentri għal Internet aktar Sikur huma stipulati f'aktar dettall fil-Programm ta' Ħidma.

Finanzjament ta' 50 % tal-infiq eliġibbli (li jista' jiżdied għal 75 % għall-korpi pubbliċi, SMEs u organizzazzjonijiet bla skop ta' profitt).

8. Identifikatur: 1.2 NETWERK INTEGRAT: KOORDINAZZJONI EWROPEA TA' ĊENTRI GĦAL INTERNET AKTAR SIKUR

Sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni u l-effikaċja massima tal-azzjonijiet għat-trawwim tal-kuxjenza u tal-*hotlines* u l-*helplines* madwar l-Ewropa kollha, is-sejħa tal-2009 hija miftuħa wkoll għal **koordinatur tan-netwerk** sabiex jipprovdi sostenn loġistiku u infrastrutturali għaċ-Ċentri għal Internet aktar Sikur, li jiżgura viżibbiltà f'livell Ewropew, komunikazzjoni u skambju ta' esperjenza tajba sabiex it-tagħlimiet miksuba jkunu jistgħu jiġu applikati fuq bażi kontinwa.

Ix-xogħlijiet tal-koordinatur tan-netwerk huma stipulati f'aktar dettall fil-Programm ta' Ħidma. Fid-dawl tan-natura differenti tax-xogħlijiet ta' attivitajiet għat-trawwim tal-kuxjenza, ta' *hotlines* u ta' *helplines*, fil-Programm ta' Ħidma hemm previsti xogħlijiet speċifiċi għal kull komponent.

Barra mix-xogħlijiet speċifiċi ta' koordinazzjoni ta' kull komponent, il-koordinatur tan-netwerk se:

— jipprovdi portal tal-internet kumplessiv waħdieni biex jipprovdi viżibbiltà għal attivitajiet għat-trawwim ta' kuxjenza, u għall-*hotlines* u l-*helplines*, b'ġabra ta' tagħrif u riżorsi rilevanti b'kontenut bħal servizzi ta' aħbarijiet, artikoli, u ġurnal informattiv ta' kull xahar;

— iqassam statistiċi u tagħrif dwar l-attivitajiet għat-trawwim ta' kuxjenza, l-attivitajiet ta' *helplines* u *hotlines* u dwar ir-riżultati tan-netwerk mal-Ewropa kollha;

— jiżviluppa struttura ta' governanza għan-netwerk

— jipprovdi koordinazzjoni Ewropea ta' panels taż-żgħażagħ għaċ-Ċentri għal Internet aktar Sikur u jorganizza laqgħa pan-Ewropea għall-membri tal-panels għaċ-Ċentri għal Internet aktar Sikur;

— jikkoordina l-organizzazzjoni tal-laqgħat reġjonali permezz ta' Ċentri għal Internet aktar Sikur

Il-koordinazzjoni ġenerali u x-xogħlijiet speċifiċi ta' koordinazzjoni se jkunu parti mill-ftehim ta' għotja unika.

Tista' ssir proposta konġunta minn mhux aktar minn tliet organizzazzjonijiet differenti.

Finanzjament ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli diretti (kif iddefiniti fil-mudell tal-ftehim ta' għotja), iżda mingħajr spejjeż indiretti (overheads).

Azzjoni 3: PROMOZZJONI TA' AMBJENT AKTAR SIKUR FUQ L-INTERNET

9. Identifikatur: 3.1 NETWERK TEMATIKU: NETWERK TA' NGOs GĦALL-ĦARSIEN TAT-TFAL FUQ L-INTERNET

Il-Programm jagħmel stedina għal proposti biex jitwaqqaf **netwerk tematiku** ta' organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi li jirrappreżentaw id-drittijiet u l-benesseri tat-tfal biex jiżviluppa approċċ miftiehem permezz ta' skambju ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki, u billi jiżviluppa strateġiji konġunti, sabiex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tat-tfal jitqiesu kemm f'diskussjonijiet dwar l-Internet u mezzi ġodda tax-xandir fl-Ewropa, kif ukoll fil-fora internazzjonali rilevanti.

Jingħata finanzjament ta' 100 % għal għadd limitat ta' spejjeż eliġibbli (spejjeż diretti ta' koordinament u implimentazzjoni tan-netwerk) għal netwerks tematiċi.

Azzjoni 4: ĦOLQIEN TA' BAŻI TAL-GĦARFIEN

10. Identifikatur: 4.1 PROĠETT GĦAT-TISĦIĦ TA' GĦARFIEN: VITTIMIZZAZZJONI TAT-TFAL FUQ L-INTERNET

Qed jiġu mistiedna proposti għal **proġett għat-tisħiħ ta' għarfien** bil-għan li jsaħħaħ l-għarfien dwar l-abbuż sesswali ta' tfal relatat mal-internet, partikolarment il-preparazzjoni onlajn għall-abbuż (il-proċess meta adult jinqeda bl-internet biex jitħabbeb ma' tifel jew tifla bl-intenzjoni li jabbużahom sesswalment). Ir-riżultat mistenni minn dan il-proġett huwa għarfien akbar tal-proċess li jkun ta' benefiċċju għat-tiswir tal-politika, il-ħidma għall-benesseri tat-tfal, u t-trawwim tal-kuxjenza kif ukoll li jipprovdi suġġetti għal aktar azzjonijiet u studji. Huwa għandu jsaħħaħ il-ħarsien tat-tfal u jifformula strateġiji preventivi aktar effettivi.

Il-proġett jista' jkun immirat lejn il-vittimizzazzjoni tat-tfal fl-ambjent tal-internet: l-identifikazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli ta' tfal li jistgħu jkunu fil-mira ta' abbuż fuq l-internet, l-impatt psikoloġiku tal-vittimizzazzjoni tat-tfal fuq l-internet, li jvarja minn aċċess għal materjal potenzjalment dannuż (eżempju materjal sesswali u/jew vjolenti) fuq l-internet sa li wieħed jiġi abbużat.

Il-proġett għandu jidentifika d-differenzi fl-imġiba użata bejn gruppi tal-età u s-sessi; ir-relazzjoni bejn is-sesswalità taż-żgħażagħ u l-preparazzjoni onlajn għall-abbuż; isir profil tal-imġiba tat-teħid tar-riskju fuq l-internet minn gruppi differenti ta' tfal.

Il-metodoloġija tal-proġett għandha tinvolvi approċċ kwalitattiv li jinvolvi tfal li esperjenzaw abbużi fuq l-internet.

Il-proġetti għat-tisħiħ ta' għarfien se jingħataw finanzjament ta' 100 % għall-ispejjeż eliġibbli diretti (kif iddefiniti fil-mudell tal-ftehim ta' għotja), iżda mingħajr spejjeż indiretti (overheads).

Parti 2: Kriterji ta' evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-proposti se tkun ibbażata fuq il-prinċipji tat-trasparenza u tal-ugwaljanza tat-trattament. Din l-evalwazzjoni se titwettaq mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Kull sottomissjoni se tkun eżaminata abbażi ta' kriterji ta' evalwazzjoni, li huma maqsuma fi tliet kategoriji: kriterji ta' eliġibbiltà, kriterji għall-għoti, kriterji tal-għażla. Il-proposti li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà biss jistgħu jiġu evalwati aktar fil-fond. L-ispjegazzjoni ta' dawn il-kriterji hija ppreżentata hawn taħt.

11. **Kriterji ta' eliġibbiltà**

Mal-wasla tagħhom, il-proposti u l-applikazzjonijiet jiġu soġġetti għal kontroll ta' eliġibbiltà, biex jiġi żgurat li jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sejħa, u mal-proċedura ta' sottomissjoni ta' proposti.

Jitwettqu l-ispezzjonijiet li ġejjin:

— Li l-proposta tasal għand il-Kummissjoni fid-data u l-ħin ta' skadenza, jew qabel, stabbiliti fis-sejħa.

— Kompletezza tal-proposta. Il-proposti li ma jkunux kompleti sostenzjalment – fi kliem ieħor, meta l-formoli ma jkunux jinkludu biżżejjed tagħrif li jidentifika lill-imsieħba, l-istatus legali tagħhom u li jevalwa l-ambitu tal-proġett propost – jiġu esklużi.

Barra minn hekk, il-proponenti għandhom jiċċertifikaw li mhumiex f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet imniżżla fil-Programm ta' Ħidma li teskludihom milli jipparteċipaw.

12. **Kriterji għall-Għoti**

Sabiex jiġi evalwat il-mertu relattiv tal-proposti riċevuti, kull mezz għall-implimentazzjoni tal-programm (netwerks integrati, proġetti fil-mira u netwerks tematiċi) se jkollu s-sett speċifiku tiegħu ta' kriterji għall-għotja, b'piżijiet speċifiċi. L-ispjegazzjoni ta' dawn il-kriterji għall-għoti hija ppreżentata fil-Programm ta' Ħidma2 għas-sena 2009 għal Internet aktar Sikur.

13. **Kriterji tal-għażla**

Il-kriterji tal-għażla se jiżguraw li l-proponenti jkollhom ir-riżorsi biex jikkofinanzjaw il-proġett u l-kompetenzi u kwalifiki professjonali meħtieġa biex iwettqu x-xogħol b'mod tajjeb.

Il-kriterji tal-għażla jiġu applikati abbażi tat-tagħrif provdut fil-proposta. Jekk jiġu identifikati każijiet ta' nuqqas ta' kapaċità finanzjarja jew ta' kompetenza professjonali jista' jkun hemm il-ħtieġa għal azzjonijiet ta' kumpens bħal garanziji finanzjarji jew azzjonijiet oħra. Il-proposti magħżula msejħa għan-negozjati se jkunu s-soġġett ta' validazzjoni formali legali u finanzjarja bħala rekwiżit għall-ħruġ ta' ftehim ta' għotja.

L-ispjegazzjoni tal-kriterji tal-għażla hija ppreżentata fil-Programm ta' Ħidma għas-sena 2009 għal Internet aktar Sikur.

Parti 3: Dettalji amministrattivi u skadenzi

14. Il-proposti jridu jkunu tħejjew bl-użu tal-forom fil-Gwida għall-proponenti, u mibgħuta f'forma stampata waħda (1) oriġinali u ħames (5) kopji, akkumpanjati minn kopja elettronika fuq CD-Rom, lill-Kummissjoni fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General Information Society and Media
Safer Internet
Office EUFO 1194
Rue Alcide de Gasperi
2920 Luxembourg
LUXEMBOURG

15. Skadenza għall-wasla tal-proposti kollha: **19 ta' Novembru 2009 fil-17h00 (Ħin lokali tal-Lussemburgu**).

Il-proposti li jaslu wara l-iskadenza, jew li jintbagħtu permezz ta' faks jew posta elettronika ma jitqiesux.

16. Skeda indikattiva tal-evalwazzjoni u tal-għażla: l-evalwazzjoni se ssir fi żmien xahrejn mid-data tal-iskadenza ta' din is-sejħa. L-applikanti se jiġu informati bir-riżultati tal-applikazzjoni tagħhom wara li tkun saret l-evalwazzjoni. Iż-żmien ta' ċerti proġetti ġodda se jqis kuntratti eżistenti li, fil-każ ta' ċerti Ċentri għal Internet aktar Sikur, jibqgħu għaddejin sal-aħħar tal-2010, sabiex jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tal-finanzjament.

17. Għal korrispondenza kollha relatata ma' din is-sejħa (eżempju meta tintalab informazzjoni jew titressaq proposta), il-proponenti huma mistiedna li jikkwotaw l-identifikatur tal-parti tas-sejħa rilevanti.

Meta jressqu proposta, l-applikanti jkunu qed jaċċettaw il-proċeduri u l-kundizzjonijiet kif spjegati f'din is-sejħa u fid-dokumenti li tirreferi għalihom.

Il-proposti kollha li jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea jiġu ttrattati b'mod strettament kunfidenzjali.

Il-Komunità Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet ugwali u, f'dan il-kuntest in-nisa huma partikolarment imħeġġa jissottomettu proposti jew jinvolvu ruħhom fil-preżentazzjoni tagħhom.

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5476 – PFIZER/WYETH)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 132/08)

1. Fid-29 ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha Pfizer Inc. ("Pfizer"), korporazzjoni inkorporata taħt il-liġijiet tal-Istat ta' Delaware, l-Istati Uniti, tipproponi li takkwista kontroll sħiħ fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill ta' Wyeth, korporazzjoni inkorporata taħt il-liġijiet tal-Istat ta' Delaware, l-Istati Uniti ("Wyeth"), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Pfizer hija kumpanija bijomedika u farmaċewtika globali bbażata fuq ir-riċerka attiva fl-iskoperta, l-iżvilupp, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' mediċini innovattivi għall-bnedmin u għall-annimali,

— Wyeth hija kumpanija farmaċewtika u tal-kura tas-saħħa attiva fl-iskoperta, l-iżvilupp, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' farmaċewtiċi, tilqim, prodotti bijoteknoloġiċi, nutrizjonali u mediċini mingħajr preskrizzjoni madwar id-dinja. Id-diviżjonijiet il-kbar tal-kumpanija jinkludu Wyeth Pharmaceuticals, Wyeth Consumer Healthcare u Fort Dodge Animal Health.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l'operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 2 2964301 jew 2967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5476 – PFIZER/WYETH, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5553 – Perdigão/Sadia)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 132/09)

1. Fit-2 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Perdigão S.A. ("Perdigão", il-Brażil) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll sħiħ tal-impriża Sadia S.A. ("Sadia", il-Brażil).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Perdigão: l-ipproċessar u l-forniment tal-prodotti tal-ikel,

— għal Sadia: l-ipproċessar u l-forniment tal-prodotti tal-ikel.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 2 2964301 jew 2967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5553 – Perdigão/Sadia, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5548 – Barclays/RBS/Hillary)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 132/10)

1. Fl-4 ta' Ġunju 2009 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Barclays Bank PLC ("Barclays", ir-Renju Unit) kif ukoll l-impriża The Royal Bank of Scotland Group plc ("RBS", ir-Renju Unit) jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 31(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt tal-impriża Hillary S.à.r.l. ("Hillary", il-Lussemburgu), li hija s-sid indirett ta' USP Hospitales S.L.U. ("USP", Spanja), permezz tal-akkwist ta' ishma..

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Barclays: l-għoti ta' servizzi finanzjarji globali,

— għal RBS: l-għoti ta' servizzi bankarji u finanzjarji oħra,

— għal Hillary: l-għoti ta' servizzi ta' assistenza medika,

— għal USP: l-għoti ta' servizzi ta' assistenza medika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 2 2964301 jew 2967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5548 – Barclays/RBS/Hillary, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5505 – Celesio/pharmexx)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 132/11)

1. Fit-3 ta' Ġunju 2009 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4, u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tiegħu l-impriża Celesio AG ("Celesio", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Franz Haniel & Cie. GmbH ("Haniel", il-Ġermanja), takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll kollu tal-impriża pharmexx GmbH ("pharmexx", il-Ġermanja), permezz tax-xiri tal-ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Haniel: bejgħ bl-ingrossa fil-qasam farmaċewtiku kif ukoll spiżeriji, il-kummerċjalizzazzjoni u r-riċiklaġġ ta' fdalijiet ta' *stainless steel*, uffiċċju, il-bejgħ ta' apparat tal-impjanti u tal-imħażen, il-forniment ta' iġene fil-kmamar tal-ħasil, servizzi ta' tessuti u ta' twapet, bejgħ bl-imnut,

— Celesio: bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut fil-qasam farmaċewtiku, loġistika, fornitur ta' distribuzzjoni u servizzi oħra lil kumpaniji farmaċewtiċi,

— pharmexx: fornitur ta' servizzi ta' impjiegi temporanji, servizzi ta' kummerċjalizzazzjonji u bejgħ fuq il-bażi ta' proġetti kif ukoll soluzzjonijiet korrispondenti ta' *software* lil kumpaniji farmaċewtiċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 2 2964301 jew 2967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5505 – Celesio/pharmexx, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
[2] ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI

Notifika lill-impriżi li biħsiebhom jimportaw jew jesportaw sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, lejn jew mill-Unjoni Ewropea fl-2010 u impriżi li biħsiebhom jitolbu kwota għall-2010 għal dawn is-sustanzi intenzjonati għal użi fil-laboratorju u użi analitiċi

(2009/C 132/12)

Il-Kummissjoni b'dan tagħti wkoll notifika bil-quddiem li r-Regolament bħalissa qed jiġi revedut u li huwa mistenni li jkun applikabbli Regolament ġdid mill-1 ta' Jannar 2010. Għalhekk, in-Notifika preżenti hija bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament il-ġdid. Aktar tagħrif dwar it-tibdiliet fis-sistema tal-liċenzjar għas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu se jkun disponibbli fuq http://ec.europa.eu/environment/ozone/ods.htm

I. Din in-Notifika hija indirizzata lill-impriżi li se jkunu koperti mir-Regolament li se jieħu post ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu [1] (ir-Regolament) u li biħsiebhom **jimportaw** u **jesportaw** lejn u mill-Komunità Ewropea kwalunkwe sustanza minn dawk li ġejjin koperti bir-Regolament matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010:

Grupp I:	CFC 11, 12, 113, 114 jew 115
Grupp II:	CFCs oħrajn kompletament aloġenati
Grupp III:	alonju 1211, 1301 jew 2402
Grupp IV:	tetraklorur tal-karbonju
Grupp V:	1,1,1 trikloroetan
Grupp VI:	bromur tal-metil
Grupp VII:	idrobromofluworokarboni
Grupp VIII:	idroklorofluworokarboni
Grupp IX:	bromoklorometan

Dibromodifluworometan (alon-1202).

II. Bħala regola ġenerali, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tas-sustanzi msemmija fil-Punt I huma projbiti, bl-eċċezzjoni ta' każijiet speċifiċi previsti mir-Regolament.

III. Kwalunkwe importazzjoni jew esportazzjoni eżentata mir-regola ta' projbizzjoni ġenerali dwar l-importazzjoni jew l-esportazzjoni teħtieġ liċenzja mill-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni ta' każijiet ta' transitu, ħżin temporanju, ħżin tad-dwana jew il-proċedura taż-żona ħielsa kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 450/2008, ta' mhux aktar minn 45 jum tul. L-importazzjoni jew l-esportazzjoni tad-Dibromodifluworometan hija eżentata mir-rekwiżit tal-liċenzja.

IV. Kwalunkwe impriża li tixtieq timporta jew tesporta sustanzi kkontrollati fl-2010 u li ma talbitx liċenzja tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni fis-snin preċendenti, teħtieġ li tinnotifika lill-Kummissjoni billi tissottometti, sa mhux iktar tard mill-**1 ta' Lulju 2009**, il-formula ta' reġistrazzjoni disponibbli fuq l-internet: http://ec.europa.eu/environment/ozone/ods.htm. Wara r-reġistrazzjoni, l-impriżi jeħtiġilhom isegwu l-proċedura spjegata fil-paragrafu V.

[1] L-adozzjoni formali prevista sa nofs l-2009.

V. L-impriżi li talbu liċenzja tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni fis-snin preċedenti għandhom jimlew u jissottomettu l-formula tad-dikjarazzjoni rilevanti disponibbli fuq l-internet permezz tal-bażi tad-dejta ODS (http://ec.europa.eu/environment/ozone/ods.htm).

Fil-każ tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni, għandha tintbagħat kopja ffirmata kif suppost tad-dikjarazzjoni finali lill-Kummissjoni wara li jitlesta l-proċess ta' dikjarazzjoni fuq l-internet:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent
Unità ENV.C.4 – Emissjonijiet industrijali u protezzjoni tas-saff tal-ożonu
BU-1 2/147
B-1049 Brussell
Feks: +32 2 2920692
Posta elettronika: env-ods@ec.europa.eu

Il-Kummissjoni tħeġġeġ is-sottomissjoni tal-kopji ffirmati kif suppost permezz tal-posta elettronika. Kopja tad-dikjarazzjoni għandha tintbagħat ukoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru (lista tal-punti ta' kuntatt fl-Istati Membri kollha hija disponibbli fuq l-internet fuq http://ec.europa.eu/environment/ozone/ods_export.htm).

VI. Il-formuli ta' dikjarazzjoni fil-bażi tad-dejta ODS se jkunu disponibbli mill-1 ta' Ġunju 2009.

VII. Il-formoli ta' dikjarazzjoni mimlija kif suppost biss (fil-każ ta' dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni: il-kopji ffirmati) u mingħajr żbalji li jaslu sal-**31 ta' Lulju 2009** se jitqiesu validi mill-Kummissjoni.

L-impriżi huma mħeġġa jissottomettu d-dikjarazzjoni tagħhom kemm jista' jkun malajr u sufiċjentament qabel l-iskadenza sabiex jagħtu żmien għall-korrezzjonijiet fi ħdan il-perjodu ta' dikjarazzjoni.

VIII. Is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni waħidha ma tagħti l-ebda dritt sabiex isiru l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet.

IX. Qabel ma ssir importazzjoni jew esportazzjoni fl-2010, soġġetta għal-liċenzjar (ara l-Punt III) l-impriżi jeħtiġilhom ikunu ssottomettew dikjarazzjoni korrispondenti u japplikaw għal liċenzja mill-Kummissjoni billi jużaw l-applikazzjoni fuq l-internet disponibbli fil-bażi tad-dejta ODS tal-internet.

X. Sabiex tkun verifikata n-natura tas-sustanza u l-iskop tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni kif deskritt mill-impriża fit-talba għal-liċenzja, il-Kummissjoni tista' titlob lill-applikant sabiex jissottometti tagħrif addizzjonali.

XI. Il-liċenzja tinħareġ jekk il-Kummissjoni tkun sodisfatta li t-talba hija konformi mad-dikjarazzjoni u f'konformità mal-ħtiġijiet legali. L-applikant se jiġi mgħarraf bil-posta elettronika dwar l-aċċettazzjoni tat-talba għal-liċenzja. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li żżomm liċenzja tal-esportazzjoni meta s-sustanza li għandha tiġi esportata ma tkunx kif deskritta jew ma tistax tintuża għall-iskopijiet mitluba jew ma tistax tiġi esportata b'konformità mar-Regolament.

Il-Kummissjoni tista' tirrifjuta talba għal liċenzja, meta l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li qiegħed jimporta jkunu informaw lill-Kummissjoni li l-importazzjoni tas-sustanza kontrollata jkollha impatt avvers fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll fis-seħħ tal-pajjiż li qiegħed jimporta sabiex ikun konformi mal-obbligi tiegħu skont il-Protokoll jew tista' twassal għal qbiż tal-limiti kwantitattivi skont il-Protokoll għal dak il-pajjiż.

XII. L-importazzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità huma soġġetti għal-limiti kwantitattivi, determinati mill-Kummissjoni abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni għas-sustanzi kkontrollati għall-użi li ġejjin:

(a) użi fil-laboratorju u analitiċi (soġġetti għal kwota ta' produzzjoni/importazzjoni u limitazzjoni kwantitattiva; ara l-Punt XV hawn taħt),

(b) użi kritiċi (aloni),

(c) użi bħala materja prima,

(d) użi bħala aġenti tal-ipproċessar.

XIII. Ir-rekwiżiti tal-esportazzjoni se jkunu soġġetti għal bidliet mill-1.1.2010, inkluż fl-oqsma li ġejjin:

(a) l-esportazzjonijiet għall-ħtiġijiet domestiċi bażiċi mhux se jkunu iżjed possibbli għax din is-sistema tieqaf skont il-Protokoll ta' Montreal,

(b) l-esportazzjonijiet tas-sustanzi kontrollati (bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-grupp VIII) għall-użi fil-laboratorji f'pajjiżi li joperaw skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll ta' Montreal, bħalissa jaqaw taħt is-sistema tal-ħtiġijiet domestiċi bażiċi tal-Protokoll ta' Montreal, li tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2009. Sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Partijiet fil-laqgħat tagħhom li ġejjin, dawk l-esportazzjonijiet għandhom – fil-preżent – jiġu ddikjarati bħala "użu fil-laboratorju jew użu analitiku". Minħabba l-adattamenti possibbli meħtieġa fis-sistema tal-liċenzjar, il-ħruġ ta' dawk il-liċenzji ta' esportazzjoni jista' jiddewwem fil-bidu tal-2010.

(c) il-liċenzji kollha tal-esportazzjoni se jsiru soġġetti għal-liċenzjar għal kull kunsinna.

XIV. Talbiet għall-kwota fl-2010 tas-sustanzi msemmija fil-Punt I għall-użi tal-laboratorju u użi analitiċi.

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni, l-importazzjoni u t-tqegħid fis-suq tas-sustanzi li jnaqqsu s-saff taożonu għall-użi tal-laboratorju u l-użi analitiċi se jinbidlu skont ir-Regolament il-ġdid u issa se japplikaw ukoll għall-**idroklorofluworokarboni** intenzjonati għal dawn l-użi. Il-kwota allokata lill-produtturi u l-importaturi, jew lill-fornituri ta' dawk is-sustanzi li jixtru minn għandhom, se tkun soġġetta għal limiti kwantitattivi.

Huwa mistenni li l-proċedura ta' dikjarazzjoni mhux se tinbidel b'mod sostanzjali meta mqabbla mas-snin ta' qabel.

Id-dikjarazzjoni finali u l-proċedura ta' allokazzjoni, madankollu, għadha qed tiġi stabbilita. L-impriżi għalhekk huma mitluba jiċċekkjaw regolarment għal tagħrif aġġornat fuq http://ec.europa.eu/environment/ozone/ods.htm

CORRIGENDUM

Rettifika għad-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija u tal-internet *broadband* kif ukoll il-Verifika tas-Saħħa tal-PAK fil-qafas tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku

(Dan it-test iħassar u jieħu post dak ippubblikat f'Il-Ġurnal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 108 tat-12 ta' Mejju 2009, p. 1)

(2009/C 132/13)

"FTEHIM INTERISTITUZZJONALI TAS-17 TA' MEJJU 2006 BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI DWAR DIXXIPLINA BAĠITARJA U ĠESTJONI FINANZJARJA SODA

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjon dwar il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija u tal-internet broadband kif ukoll il-Verifika tas-Saħħa tal-PAK fil-qafas tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu dwar il-finanzjament, fil-qafas tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku għall-immodernizzar ta' infrastrutturi u solidarjetà dwar l-enerġija, ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija u tal-internet broadband, kif ukoll il-Verifika tas-Saħħa tal-PAK. Il-proġetti li huma eliġibbli għal appoġġ Komunitarju huma identifikati fl-atti leġislattivi kkonċernati.

Il-pakkett, li jimmira li jipprovdi stimolu addizzjonali lill-eknomija u li jtejjeb is-sigurtà tal-enerġija, jammonta għal EUR 5 000 miljun fi prezzijiet attwali:

— EUR 3 980 miljun ser ikunu disponibbli għall-finanzjament ta' proġetti tal-enerġija skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju: EUR 2 000 miljun fl-2009 u EUR 1 980 miljun fl-2010.

— Barra minn hekk, EUR 1 020 miljun ser ikunu disponibbli fl-intestatura 2 għall-iżvilupp tal- internet broadband f'żoni rurali u għat-tisħiħ ta' ħidmiet relatati mal-'isfidi ġodda' imfissra fil-kuntest tal-Verifika tas-Saħħa.

Il-finanzjament tal-ammont totali ta' EUR 5 000 miljun ser ikun żgurat malajr kemm jista' jkun:

— Il-limitu massimu tal-2009 tal-intestatura 1a ser jiżdied b'ammont ta' EUR 2 000 miljun, li ser ikun ikkumpensat minn tnaqqis tal-limitu massimu tal-2009 tal-intestatura 2 bl-istess ammont skont il-Punti 21-23 tal-Ftehim Interistituzzjoanli (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006. Barra minn hekk, ser jiżdiedu EUR 600 miljun għall-iżvilupp rurali fil-baġit tal-2009 għall-finanzjament tal-internet broadband u għat-tisħiħ tal-operazzjonijiet relatati mal-'isfidi ġodda'. Il-qafas finanzjarju pluriennali ser ikun rivedut u fl-istess waqt il-baġit tal-2009 ser ikun emendat skont il-każ abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni emendata u ta' abbozz preliminari ta' baġit emendatorju Nru 4 għall-baġit tal-2009.

— Il-finanzjament tal-ammont li fadal (EUR 2 400 miljun) ser ikun żgurat permezz ta' mekkaniżmu ta' kumpens fil-konċiljazzjoni tal-proċedura baġitarja tal-2010 billi jintużaw il-mezzi baġitarji previsti kollha fil-qafas legali tagħha, li għandu jitlesta, jekk meħtieġ, mhux aktar tard mill-konċiljazzjoni tal-proċedura baġitarja tal-2011:

  — Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jeżaminaw is-sorsi kollha disponibbli li jistgħu jipprovdu għall-kumpens tal-fondi.

  — Qabel ma jiġi kkunsidrat l-użu tal-ammont disponibbli fl-intestatura 2, ser ikunu impenjati EUR 420 miljun għall-finanzjament ta' internet broadband u operazzjonijiet ta' tisħiħ relatati mal-'isfidi ġodda' mfissra fil-kuntest tal-Verifika tas-Saħħa fl-2010.

  — Sabiex isir kumpens għall-ammont ta' EUR 1 980 miljun, ser jintużaw il-marġini li jifdal taħt il-limiti massimi għall-2009 u l-marġini disponibbli għall-2010 u l-2011 (b'rispett dovut għall-Punt 13 ta' IIA) u, jekk meħtieġ, id-disponibbiltajiet finanzjarji l-oħrajn kollha, inklużi l-marġini disponibbli tal-2011. Il-mekkaniżmu ta' kumpens ser ikun mingħajr preġudizzju għall-pakketti finanzjarji tal-programmi ko-deċiżi u l-proċedura baġitarja annwali.

Il-limitu massimu globali tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 mhuwiex ser jinqabeż."

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni

2009/C 132/12 Notifika lill-impriżi li biħsiebhom jimpurtaw jew jesportaw sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, lejn jew mill-Unjoni Ewropea fl-2010 u impriżi li biħsiebhom jitolbu kwota għall-2010 għal dawn is-sustanzi intenzjonati għal użi fil-laboratorju u użi analitiċi 19

Corrigendum

2009/C 132/13 Rettifika għad-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija u tal-internet *broadband* kif ukoll il-Verifika tas-Saħħa tal-PAK fil-qafas tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku *(Dan it-test iħassar u jieħu post dak ippubblikat f'Il-Ġurnal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 108 tat-12 ta' Mejju 2009, p. 1)* 22

MT

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inkluži fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT